VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,395, 20 ta' Marzu, 2015
Taqsima B

A.L. 109 tal-2015

ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI (KAP. 117)

Regolamenti tal-2015 dwar l-I*standards* għat-Tqegħid fis-Suq tal-Frott u l-Ħxejjex

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar, wara konsultazzjoni mal-Ministru għall-Iżvillup Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2015 dwar l-I*standards* għat-Tqegħid fis-Suq tal-Frott u l-Ħxejjex.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OSK) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) No. 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor:

"Att" tfisser l-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi; Kap. 117.

"awtorità kompetenti" tfisser id-Direttorat tal-Agrikoltura;

"awtorità tad-dwana" tfisser id-Dipartiment tad-Dwana;

"azjenda" tfisser post mhux kummerċjali fejn jinżammu l-frott u l-ħxejjex bl-iskop li dawn jinbiegħu direttament lill-konsumatur;

"Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli mill-Agrikoltura;

"Malta" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha bl-artikolu 3 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni; Kap. 249.

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Agrikoltura;

"min ikabbar il-prodotti" tfisser persuna li tikkultiva l-frott u l-ħxejjex;

"min ikollu f'idejh il-prodotti" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li għandha fil-pussess tagħha, fiżikament, il-prodotti kkonċernati;

"negozjant" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li:

(a) jkollha frott u ħaxix suġġett għall-i*standards* tat-tqegħid fis-suq bil-ħsieb li:

(i) turih jew toffrih għall-bejgħ,

(ii) tbigħu, jew

(b) tqiegħdu fis-suq bi kwalunkwe mod ieħor, jew twettaq realment kwalunkwe waħda mill-attivitajiet msemmija fil-paragrafu (a) rigward il-frott u l-ħaxix suġġett għall-i*standards* tat-tqegħid fis-suq.

L-attivitajiet msemmija fil-paragrafu (a) għandhom jinkludu:

(a) il-bejgħ mill-bogħod kemm jekk isir bl-internet kif ukoll jekk isir xort'oħra,

(b) it-tali attivitajiet imwettqa mill-persuna fiżika jew ġuridika għaliha nnifisha jew f'isem parti terza, u

(ċ) it-tali attivitajiet imwettqa fl-Unjoni Ewropea u/jew permezz tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u/jew permezz tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi;

"prodott" tfisser il-frott u l-ħxejjex elenkati fil-Parti IX tal-Anness I tar-Regolament tal-KE Nru. 1234/2007;

"sejba ta' nuqqas ta' konformità" tfisser dikjarazzjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti skont ir-regolament 13, li jiddikjara li l-prodotti inkwistjoni mhumiex konformi mal-i*standards* relevanti tat-tqegħid fis-suq;

"*standards* ġenerali tat-tqegħid fis-suq" tfisser dawk l-i*standards* li huma elenkati fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament tal-KE Nru. 543/2011 jew kwalunkwe leġislazzjoni sussegwenti;

"*standards* speċifiċi tat-tqegħid fis-suq" tfisser dawk l-i*standards* elenkati fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament tal-KE Nru. 543/2011 jew kwalunkwe leġislazzjoni sussegwenti;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"is-Suq tal-Bdiewa" tfisser suq stabbilit skont ir-regolament 3 tar-Regolamenti tas-Swieq tal-Bdiewa; L.S. 117.31

"*Unit* tal-Ispettorat" tfisser il-*Unit* tal-Ispettorat fi ħdan it-Taqsima Regolatorja tad-Direttorat tal-Agrikoltura.

Standards kummerċjali.

3. (1) L-ebda negozjant ma jista' jbigħ prodotti f'Malta jekk tali prodotti ma jkunux konformi mal-i*standards* ġenerali tat-tqegħid fis-suq jew mal-i*standards* speċifiċi tat-tqegħid fis-suq meħtieġa skont dawn ir-regolamenti.

(2) Dawn il-prodotti li ġejjin għandhom ikunu konformi mal-i*standards* speċifiċi tat-tqegħid fis-suq:

(a) it-tuffieħ,

(b) il-frott taċ-ċitru,

(ċ) il-frott tal-kiwi,

(d) il-ħass u l-indivja bil-weraq mibrum u bil-weraq wiesa',

(e) il-ħawħ u n-nuċiprisk,

(f) il-lanġas,

(g) il-frawli,

(h) il-bżar ħelu,

(i) l-għeneb tal-mejda,

(j) it-tadam.

(3) L-i*standard* tat-tqegħid fis-suq li japplika għall-banana u li jaqa' taħt il-Kodiċi NM 080300, għandu jkun kif stabbilit fl-Anness 1 tar-Regolament (UE) Nru 1333/2011 u kwalunkwe Regolament sussegwenti.

(4) Dawk il-prodotti li mhumiex meħtieġa li jkunu konformi mal-i*standards* speċifiċi tat-tqegħid fis-suq għandhom ikunu konformi mal-i*standards* ġenerali tat-tqegħid fis-suq:

Iżda, meta min ikollu f'idejh il-prodotti jkun f'qagħda li juri li dawn huma konformi mal-i*standards* applikabbli adottati mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (in-NU/KEE), il-prodott għandu jitqies li huwa konformi mal-i*standard* ġenerali tat-tqegħid fis-suq.

(5) B'deroga mill-Artikolu 113a(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għall-i*standards* speċifiċi tat-tqegħid fis-suq, fl-istadji ta' wara l-bgħit, il-frott u l-ħaxix, minbarra dak tal-Klassi "Extra", jista' juri tnaqqis żgħir fil-freskezza u fid-dehra u kemm kemm taħsir minħabba l-iżvilupp tiegħu u minħabba t-tendenza tiegħu li jeħżien.

Eċċezzjonijiet u eżenzjonijiet mill-applikazzjoni tal-i*standards* tat-tqegħid fis-suq.

4. (1) B'deroga mill-Artikolu 113a(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-prodotti li ġejjin m'għandhomx ikunu meħtieġa jikkonformaw mal-i*standards* tat-tqegħid fis-suq:

(a) dejjem jekk ikunu immarkati b'mod ċar bil-kliem 'maħsubin għall-ipproċessar' jew 'għall-għalf tal-annimali' jew bi kwalunkwe fraži ekwivalenti oħra, il-prodotti:

(i) maħsubin għall-ipproċessar industrijali, jew

(ii) maħsubin għall-għalf tal-annimali jew għal użu ieħor iżda mhux għall-ikel;

(b) il-prodotti ttrasferiti mill-produttur fl-azjenda tiegħu lill-konsumaturi għall-użu personali tagħhom;

(ċ) il-prodotti rrikonoxxuti f'Deċiżjoni tal-Kummissjoni meħuda fuq talba ta' Stat Membru skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 bħala prodotti ta' reġjun partikolari li jinbiegħu bl-imnut min-negozju tar-reġjun għall-konsum lokali tradizzjonali stabbilit sew;

(d) prodotti li jkunu ġew mirquma jew inqatgħu biex ikunu 'lesti għall-ikel' jew 'lesti għall-kċina';

(e) prodotti mqiegħda fis-suq bħala rimjiet li jittieklu, wara li tinbet iż-żerriegħa tal-pjanti kklassifikati bħala frott u ħaxix skont l-Artikolu 1(1)(i) u l-Parti IX tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(2) B'deroga mill-Artikolu 113a(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-prodotti li ġejjin m'għandhomx ikunu meħtieġa jikkonformaw mal-i*standards* tat-tqegħid fis-suq f'żona partikulari tal-produzzjoni:

(a) prodotti mibjugħa jew ikkonsejnjati minn min ikabbarhom lil stazzjonijiet tal-preparazzjoni jew tal-imballaġġ jew lil faċilitajiet tal-ħżin, jew ittrasportati mill-azjenda tiegħu lejn dawn l-istazzjonijiet; u

(b) prodotti ttrasportati mill-faċilitajiet tal-ħżin lejn l-

istazzjonijiet tal-preparazzjoni u tal-imballaġġ.

(3) B'deroga mill-Artikolu 113a(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-awtorità kompetenti tista' teżenta mill-i*standards* speċifiċi tat-tqegħid fis-suq prodotti ppreżentati għall-bejgħ bl-imnut lill-konsumaturi għall-użu personali tagħhom u ttikkettati bħala 'prodotti maħsubin għall-ipproċessar' jew bi kwalunkwe frażi ekwivalenti oħra u maħsubin għall-ipproċessar, minbarra dawk imsemmija fis-subregolament (1)(a)(i).

(4) B'deroga mill-Artikolu 113a(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-awtorità kompetenti tista' teżenta mill-i*standards* tat-tqegħid fis-suq prodotti mibjugħin direttament minn min ikabbar il-prodott lill-konsumatur aħħari għall-użu personali, fi swieq riservati biss għall-produtturi f'żona speċifika tal-produzzjoni definita mill-Istati Membri.

(5) B'deroga mill-Artikolu 113a(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, fir-rigward ta' *standards* speċifiċi tat-tqegħid fis-suq, il-frott u l-ħaxix, minbarra dak tal-Klassi 'Extra', fl-istadji ta' wara l-bgħit, jista' juri tnaqqis żgħir fil-freskezza u fid-dehra u kemm kemm taħsir minħabba l-iżvilupp tiegħu u minħabba t-tendenza tiegħu li jeħżien.

(6) B'deroga mill-Artikolu 113a(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-prodotti li ġejjin m'għandhomx ikunu meħtieġa jikkonformaw mal-i*standard* ġenerali tat-tqegħid fis-suq:

(a) il-faqqiegħ mhux ikkultivat tal-kodiċi NM 0709 59,

(b) il-kappar tal-kodiċi NM 0709 90 40,

(ċ) il-lewż morr tal-kodiċi NM 0802 11 10,

(d) il-lewż imqaxxar tal-kodiċi NM 0802 12,

(e) il-ġellewż imqaxxar tal-kodiċi NM 0802 22,

(f) il-ġewż imqaxxar tal-kodiċi NM 0802 32,

(g) il-ġewż tal-arżnu [taż-żnuber] tal-kodiċi NM 0802 90 50,

(h) il-pistaċċi tal-kodiċi NM 0802 50 00,

(i) il-ġewż tal-Macadamia tal-kodiċi NM 0802 60 00,

(j) il-ġewż Amerikan tal-kodiċi NM 0802 90 20,

(k) ġewż ieħor tal-kodiċi NM 0802 90 85,

(l) il-pjantaġġini mnixxfin tal-kodiċi NM 0803 00 90,

(m) il-frott taċ-ċitru mnixxef tal-kodiċi NM 0805,

(n) it-taħlit ta' ġewż tropikali tal-kodiċi NM 0813 50 31,

(o) it-taħlit ta' ġewż ieħor tal-kodiċi NM 0813 50 39,

(p) iż-żagħfran tal-kodiċi NM 0910 20,

(q) il-pjantaġġini, il-banana mqadda u banana intiża għall-ipproċessar li ma taqax taħt il-kodiċi NM 080300.

Lill-awtorità kompetenti għandhom jingħatawlha provi li l-prodotti koperti minn dan is-subregolament u s-subregolamenti (1) sa (5) jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti, b'mod partikulari f'dak li jirrigwarda l-użu maħsub għalihom.

(7) Prodotti mibjugħa direttament minn min ikabbar il-prodott lill-konsumatur finali għall-użu personali rappreżentati fis-'Suq tal-Bdiewa' ikunu eżentati mill-applikazzjoni ta' *standards* tat-tqegħid fis-suq:

Iżda f'każ li dawk li jkabbru l-prodotti jbiegħu fis-Suq tal-Bdiewa jiddeċiedu li japplikaw l-i*standards* tat-tqegħid fis-suq, il-frott u l-ħxejjex relativi jsiru suġġetti għad-dispożizzjonijiet kollha ta' dawn ir-regolamenti. In-negozjanti li jagħżlu li jiġu inklużi fil-bażi tad-dejta għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti dwar dan.

(8) Il-prodotti li jinbiegħu minn min ikabbar il-prodott mill-bini personali tiegħu, kemm jekk garaxx jew razzett ikunu eżentati mill-applikazzjoni ta' *standards* tat-tqegħid fis-suq.

(9) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi msemmija fl-Anness IV tar-Regolament tal-Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011, li huma konformi mal-Artikolu 15 tal-imsemmi Regolament, ikunu eżentati mill-applikazzjoni ta' *standards* tat-tqegħid fis-suq.

(10) Il-prodotti li huma soġġetti għal *standards* speċifiċi tat-tqegħid fis-suq ippreżentati għall-bejgħ bl-imnut lill-konsumaturi għall-użu personali tagħhom u ttikkettati bħala "prodotti maħsubin għall-ipproċessar" jew bi kwalunkwe frażi ekwivalenti oħra u

maħsubin għall-ipproċessar minbarra dawk imsemmija fis-subregolament (1)(a)(i) m'għandhomx ikunu meħtieġa jikkonformaw mal-i*standards* speċifiċi tat-tqegħid fis-suq.

(11) Il-prodotti rikonoxxuti f'Deċiżjoni tal-Kummissjoni meħuda fuq talba ta' Stat Membru skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 bħala prodotti ta' reġjun partikolari li jinbiegħu bl-imnut min-negozju tar-reġjun għall-konsum lokali tradizzjonali stabbilit sew m'għandhomx ikunu meħtieġa jikkonformaw mal-i*standards* speċifiċi tat-tqegħid fis-suq.

(12) L-awtorità kompetenti tista', fejn tara li jkun relevanti, titlob evidenza sabiex tittraċċa l-użu maħsub tal-prodott.

Dettalji tat-tagħrif.

5. (1) Id-dettalji tat-tagħrif meħtieġa mill-i*standards* ġenerali tat-tqegħid fis-suq u mill-i*standards* speċifiċi tat-tqegħid fis-suq għandhom jidhru b'mod li jkunu jistgħu jinqraw u ċari fuq ġenb wieħed tal-imballaġ, jew billi jkunu stampati b'mod li ma jitħassarx direttament fuq il-pakkett jew fuq tikketta li tkun parti integrali minnu jew li tkun imwaħħla sewwa miegħu.

(2) Għal oġġetti trasporati fi kwantitajiet kbar u mgħobbija direttament fuq mezz tat-trasport, id-dettalji tat-tagħrif imsemmija fis-subregolament (1) għandhom jingħataw f'dokument li jakkompanja l-oġġetti jew jintwerew fuq *notice board* imqiegħda f'pożizzjoni ovvja ġewwa l-mezz tat-trasport.

(3) Fil-każ ta' kuntratti mill-bogħad skont l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-konformità mal-i*standards* tat-tqegħid fis-suq għandha teħtieġ li d-dettalji tat-tagħrif ikunu disponibbli qabel ma jiġi konkluż ix-xiri.

(4) Il-fatturi u d-dokumenti ta' akkumpanjament, minbarra l-irċevuti għall-konsumaturi, għandhom jindikaw l-isem u l-pajjiż tal-oriġini tal-prodotti u, fejn ikun xieraq, il-klassi, il-varjetà jew it-tip kummerċjali tal-prodotti, f'każ li dan ikun meħtieġ, minn *standard* speċifiku tat-tqegħid fis-suq, jew il-fatt li dawn il-prodotti jkunu maħsubin għall-ipproċessar.

Dettalji tat-tagħrif fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut.

6. (1) Fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut, id-dettalji tat-tagħrif meħtieġa mill-i*standards* ġenerali tat-tqegħid fis-suq u mill-i*standards* speċifiċi tat-tqegħid fis-suq għandhom jiġu murija b'mod li jkunu jistgħu jinqraw u b'mod li jidher.

(2) Il-prodotti jistgħu jiġu ppreżentati għall-bejgħ sakemm il-bejjiegħ bl-imnut juri, bi prominenza, ħdejn il-prodotti u b'mod li jkun jista' jinqara, id-dettalji tat-tagħrif dwar il-pajjiż tal-oriġini kif ukoll, fejn xieraq, il-klassi u l-varjetà jew it-tip kummerċjali tal-

prodotti b'tali mod li ma jqarraqx bil-konsumaturi.

(3) Għall-prodotti ppakkjati minn qabel skont it-tifsira tad-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-piż nett għandu jkun indikat, flimkien mat-tagħrif kollu li dwaru hemm dispożizzjoni fl-i*standards* tat-tqegħid fis-suq:

Iżda, fil-każ ta' prodotti mibjugħin skont l-għadd, m'għandux japplika r-rekwiżit li jkun indikat il-piż nett jekk l-għadd tal-oġġetti jista' jidher b'mod ċar u dawn ikunu jistgħu jingħaddu faċilment minn barra, jew jekk l-għadd ikun indikat fuq it-tikketta.

Taħlitiet.

7. (1) Għandu jitħalla jsir it-tqegħid fis-suq ta' pakketti ta' prodotti b'piż nett ta' 5 kilogrammi jew anqas li jkun fihom taħlitiet ta' tipi differenti ta' frott u ħaxix, dejjem jekk:

(a) il-prodotti jkunu tal-istess kwalità u kull prodott ikkonċernat ikun jikkonforma mal-i*standard* speċifiku rilevanti t-tqegħid fis-suq jew mal-i*standard* ġenerali t-tqegħid fis-suq, jekk ma jkunx hemm *standard* speċifiku t-tqegħid fis-suq għal prodott partikulari;

(b) il-pakkett ikun ittikkettat kif suppost, skont l-i*standards* ġenerali tat-tqegħid fis-suq u l-i*standards* speċifiċi tat-tqegħid fis-suq; u

(ċ) it-taħlita ma tkunx waħda li tqarraq bil-konsumatur.

(2) Ir-rekwiżiti tas-subregolament (1)(a) m'għandhomx japplikaw għall-prodotti inklużi f'taħlita li ma jkunux prodotti tas-settur tal-frott u l-ħaxix imsemmija fl-Artikolu 1(1)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(3) Jekk il-frott u l-ħaxix f'taħlita jkun ġej minn aktar minn Stat Membru jew pajjiż terz wieħed, l-ismijiet sħaħ tal-pajjiżi tal-oriġini jistgħu jinbidlu b'waħda mill-frażijiet li ġejjin, skont kif ikun xieraq:

(a) "taħlita ta' frott u ħaxix mill-UE",

(b) "taħlita ta' frott u ħaxix li mhux mill-UE",

(ċ) "taħlita ta' fortt u ħaxix mill-UE u mhux mill-UE".

Dmirijiet tal-awtorità kompetenti.

8. (1) L-awtorità kompetenti għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dawn ir-regolamenti, inkluż l-istabbiliment tal-kuntatti u l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni

neċessarji li għandhom x'jaqsmu mal-i*standards* tat-tqegħid fis-suq.

(2) Il-*Unit* tal-Ispettorat għandu jkun responsabbli biex iwettaq verifiki tal-konformità f'kull stadju tat-tqegħid fis-suq. Il-*Unit* tal-Ispettorat għandu jirrapporta s-sejbiet kollha tiegħu lill-awtorità kompetenti.

Bażi tad-dejta dwar in-negozjanti.

9. (1) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi bażi tad-dejta dwar in-negozjanti tal-frott u l-ħaxix, li għandha telenka, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011, in-negozjanti involuti fit-tqegħid fis-suq tal-frott u l-ħaxix li għalih ġew stabbiliti *standards* skont l-Artikolu 113 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(2) In-negozjanti li ġejjin mhumiex meħtieġa li jkunu inklużi fil-bażi tad-dejta:

(a) persuni fiżiċi jew ġuridiċi li l-attivitajiet tagħhom fis-settur tal-frott u l-ħxejjex huma limitati jew għat-trasport tal-oġġetti, jew għall-bejgħ fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut;

(b) persuni fiżiċi jew ġuridiċi li l-attivitajiet tagħhom fis-settur tal-frott u l-ħxejjex huma limitati għall-ipproċessar.

(3) In-negozjanti għandhom jipprovdu t-tagħrif li l-awtorità kompetenti tqis li huwa meħtieġ biex tiġi stabbilita u aġġornata l-bażi tad-dejta. Il-bażi tad-dejta tan-negozjanti għandu jikkonsisti minn:

(a) in-numru tar-reġistrazzjoni, l-isem u l-indirizz;

(b) it-tagħrif meħtieġ għall-klassifikazzjoni tan-negozjant f'waħda mill-kategoriji tar-riskju msemmija fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011, b'mod partikulari, il-pożizzjoni fil-katina tat-tqegħid fis-suq u tagħrif dwar kemm hi importanti l-kumpannija;

(ċ) tagħrif dwar is-sejbiet minn verifiki li jkunu saru qabel fuq kull negozjant;

(d) kwalunkwe tagħrif ieħor meqjus bħala tagħrif meħtieġ għall-verifiki bħat-tagħrif dwar l-eżistenza ta' sistema għall-iżgurar tal-kwalità jew ta' sistema ta' verifika tan-negozjant fuqu nnifsu dwar il-konformità mal-i*standards* tat-tqegħid fis-suq.

(4) L-awtorità kompetenti tista', jekk tħoss li huwa meħtieġ, titlob mingħand awtoritajiet oħra tagħrif li jaqa' taħt l-iskop ta' dawn

ir-regolamenti, sabiex b'hekk tkun tista' tikkompila l-bażi tad-dejta:

Kap. 440.

Iżda s-suġġett tad-dejta kkonċernata jkun infurmat dwar l-ipproċessar ta' data personali skont l-artikolu 19 tal-Att Protezzjoni tad-Data.

(5) L-aġġornament tal-bażi tad-dejta għandu jitwettaq b'mod partikulari billi jintuża t-tagħrif miġbur matul il-verifiki tal-konformità.

(6) Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu applikabbli wkoll għan-negozjanti li mhumiex stabbiliti f'Malta, imma jagħmlu n-negozju f'Malta.

(7) In-negozjanti għandhom jipprovdu t-tagħrif kollu li l-awtorità kompetenti tqis li huwa meħtieġ sabiex jiġi applikat dan ir-regolament.

Verfiki tal-konformità.

10. (1) Il-*Unit* tal-Ispettorat għandu jagħmel verifiki tal-konformità li għandhom jitwettqu b'mod selettiv, abbażi ta' analiżi tar-riskju, u bi frekwenza xierqa, sabiex tkun żgurata l-konformità mal-i*standards* tat-tqegħid fis-suq u mad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti.

(2) F'każijiet fejn il-verifiki tal-konformità li jkunu saru skont is-subregolament (1) juru irregolaritajiet sinjifikanti, id-Direttur għandu jordna li tiżdied il-frekwenza tal-verifiki marbutin man-negozjanti, il-prodotti, l-oriġini, jew il-parametri l-oħrajn ikkonċernati.

(3) In-negozjanti għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti u lill-*Unit* tal-Ispettorat it-tagħrif kollu li dawn l-entitajiet iqisu li huwa meħtieġ sabiex jiġu organizzati u jitwettqu l-verifiki tal-konformità.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tippubblika minn qabel il-kriterji biex jiġi vvalutat ir-riskju tan-nuqqas ta' konformità tal-lottijiet, abbażi ta' analiżi tar-riskju għal kull kategorija tar-riskju. L-awtorità kompetenti għandha tippubblika minn qabel dawn il-kriterji permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

(5) Il-kampjun tar-rata minima ta' verifiki fuq il-post għandu jittieħed parzjalment fuq il-bażi tal-analiżi tar-riskju u parzjalment b'mod aleatorju. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-fatturi tar-riskju. Sabiex tiġi żgurata analiżi tar-riskju relevanti u effiċjenti, l-effettività tal-analiżi tar-riskju għandha tiġi assessjata u aġġornata fuq bażi annwali billi tingħata kunsiderazzjoni lir-relevanza ta' kull fattur tar-riskju, jitqabblu r-riżultati ta' kampjuni magħżula kemm b'mod

aleatorju kif ukoll dawk ibbażati fuq ir-riskju kif ukoll is-sitwazzjoni speċifika tal-kategorija tar-riskju.

(6) Ir-rata minima ta' kontroll fir-rigward tal-obbligi tal-i*standards* tat-tqegħid fis-suq hija stabbilita skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament. F'dan ir-rigward, ir-rata ta' kontroll għandha tkun stabbilita għal minimu ta' 10% tan-negozjanti li hemm fil-bażi tad-dejta tan-negozjanti u li huma suġġetti għall-i*standards* tat-tqegħid fis-suq.

(7) Il-kampjuni tal-verifiki fuq il-post għall-i*standards* tat-tqegħid fis-suq għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni l-parteċipazzjoni ta' dawn in-negozjanti fis-sistemi ta' ċertifikazzjonijiet relevanti. Madanakollu, meta tittieħed f'kunsiderazzjoni din il-parteċipazzjoni, għandu jiġi spjegat illi n-negozjanti li jipparteċipaw f'dawn l-iskemi jirrappreżentaw inqas riskju min-negozjanti li ma jipparteċipawx f'dawk l-iskemi.

Għażla ta' kampjuni għall-kontroll.

(8) (a) Kampjuni għall-kontroll għal verifiki fuq il-post taħt dan ir-regolament għandhom jiġu magħżula mill-awtorità kompetenti fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju, skont id-dejta għad-dispożizzjoni fil-bażi tad-dejta dwar in-negozjanti.

(b) Sabiex tipprovdi l-element ta' rappreżentanza, l-awtorità kompetenti għandha tisselezzjona b'mod aleatorju 20% tan-numru minimu ta' negozjanti li jkunu soġġetti għal verifiki fuq il-post:

Minn 100%

20% B'mod aleatorju

- 20% b'mod aleatorju

80% Riskju

- 20% l-akbar ammont ta' qligħ
- 20% l-akbar varjetà ta' frott u ħxejjex soġġetti għal standards speċifiċi tat-tqegħid fis-suq
- 40% każijiet preċedenti fuq nuqqas ta' konformità

L-effettività tal-analiżi tar-riskju għandha tiġi vvalutata u aġġornata fuq bażi annwali:

(a) billi tiġi stabbilita ir-rilevanza ta' kull fattur ta' riskju

(b) billi jiġu mqabbla r-riżultati tar-rikju bbażat fuq kampjun selezjonat b'mod aleatorju

(ċ) billi tittieħed f'konsiderazzjoni s-sitwazzjoni speċifika.

L-awtorità kompetenti għandha żżomm rekords tar-raġunijiet għall-għażla ta' kull bidwi għal għal verifika fuq il-post. L-ispettur li jwettaq il-verifika fuq il-post għandu jiġi infurmat skont il-każ qabel ma tinbeda l-verifika fuq il-post.

Aċċetazzjoni tad-dikjarazzjoni.

11. (1) L-awtorità tad-dwana tista' taċċetta biss dikjarazzjonijiet ta' esport jew/u dikjarazzjonijiet għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera għal prodotti soġetti għal *standards* speċifiċi tat-tqegħid fis-suq, jekk:

(a) il-prodotti jkollhom magħhom ċertifikat ta' konformità maħruġ skont ir-regolament 12; jew

(b) l-awtorità kompetenti tkun għarrfet lill-awtorità doganali li l-lottijiet konċernati jkun inħarġilhom ċertifikat tal-konformità skont ir-regolament 12; jew

(ċ) l-awtorità kompetenti tkun għarrfet lill-awtorità doganali li hija ma ħarġitx ċertifikat ta' konformità għall-lottijiet ikkonċernati, għaliex dawn ma kellhomx bżonn jiġu vverifikati fid-dawl tal-valutazzjoni tar-riskju msemmija fir-regolament 10(1).

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) għandhom jiġu infurzati mingħajr ħsara għal kwalunkwe verifiki tal-konformità li l-*Unit* tal-Ispettorat jista' jwettaq skont ir-regolament 10.

(3) Is-subregolament (1) għandu japplika wkoll għall-prodotti li huma suġġetti għall-i*standards* ġenerali tat-tqegħid fis-suq u prodotti msemmija fir-regolament 4(1)(a) jekk id-Direttur iqis li dan huwa meħtieġ fid-dawl tal-analiżi tar-riskju msemmija fir-regolament 10(1) kif ukoll l-Artikolu 11(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni 543/2011.

Ċertifikat tal-konformità.

12. Iċ-ċertifikati tal-konformità li jikkonfermaw li l-prodotti jikkonformaw mal-i*standard* rilevanti tat-tqegħid fis-suq għandhom jinħarġu mill-awtorità kompetenti, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru. 543/2011.

Metodu ta' spezzjoni.

13. (1) L-awtorità kompetenti għandha tippublika bil-quddiem linji gwida għall-arranġamenti speċifiċi għall-verifika tal-

konformità fil-punt tal-bejgħ bl-imnut lill-konsumatur aħħari.

(2) Il-*Unit* tal-Ispettorat jista', fi kwalunkwe ħin, u mingħajr ma jagħti ebda avviż minn qabel, minbarra f'każijiet ta' importazzjoni u esportazzjoni, jidħol fi kwalunkwe bini għall-għan ta' spezzjoni u sabiex jiġi assigurat it-twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew ta' kwalunkwe liġi oħra li għandha x'taqsam mal-bejgħ tal-frott u ħaxix frisk. Għal dan il-għan il-*Unit* tal-Ispettorat jista' jitlob l-assistenza tal-membri tal-Korp tal-Pulizija.

(3) Meta l-*Unit* tal-Ispettorat isib li l-prodotti huma konformi mal-i*standards* tat-tqegħid fis-suq, il-*Unit* tal-Ispettorat għandu jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti għandha imbagħad toħroġ ċertifikat ta' konformità skont ir-regolament 12 fuq il-formula li tinsab fl-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru. 543/2011.

(4) (a) Meta l-prodotti ma jikkonformawx mal-i*standards*, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ riżultat ta' nuqqas ta' konformità lin-negozjanti jew lir-rappreżentanti tagħhom.

(b) Il-prodotti li għalihom ikun inħareġ riżultat ta' nuqqas ta' konformità ma jistgħux jiġu mċaqalqin mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-awtorità kompetenti li tkun ħarġet dak ir-riżultat. Din l-awtorizzazzjoni tista' tkun suġġetta għat-tħaris tal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti.

(5) In-negozjanti jistgħu jiddeċiedu li jġibu konformi l-prodotti kollha jew uħud minnhom. Il-prodotti miġjuba konformi ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq qabel ma l-awtorità kompetenti tkun żgurat li l-prodotti jkunu fil-fatt inġiebu konformi.

(6) L-awtorità kompetenti għandha toħroġ, fejn applikabbli, ċertifikat tal-konformità kif ipprovdut fl-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru. 543/2011 għal-lott jew għal parti minnu, biss ladarba l-prodotti jkunu nġiebu konformi.

(7) (a) Jekk l-awtorità kompetenti taċċetta x-xewqa ta' negozjant li jġib l-oġġetti konformi fi Stat Membru ieħor minbarra dak fejn tkun saret il-verifika li wasslet għar-riżultat ta' nuqqas ta' konformità, in-negozjant għandu jgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru destinatarju dwar il-lott li mhux konformi.

(b) L-awtorità kompetenti li toħroġ ir-riżultat tan-nuqqas ta' konformità għandha tibgħat kopja ta' dan ir-riżultat lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati, inkluż lill-Istat Membru

destinatarju tal-lott li mhux konformi.

(8) Fil-każ ta' prodotti li la jkunu jistgħu jinġiebu konformi u lanqas ma jkunu jistgħu jintbagħtu bħala għalf għall-annimali, għall-ipproċessar industrijali jew għal kwalunkwe użu ieħor iżda mhux għall-ikel, l-awtorità kompetenti tista', jekk ikun hemm bżonn, titlob lin-negozjanti jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li l-prodotti kkonċernati ma jitqiegħdux fis-suq.

Reati u pieni.

14. (1) Kull persuna li tikser jew li tonqos li tosserva xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel -

(a) meta tinsab ħatja l-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200);

(b) meta tinsab ħatja t-tieni darba jew wara, multa ta' mhux anqas minn elf u mitejn euro (€1,200) iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u s-sospensjoni ta' kull permess, *pass* jew liċenza, għal perjodu ta' mhux anqas minn xahar iżda mhux iżjed minn sitt xhur.

(2) F'kull każ li persuna tinsab ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti, il-Qorti tista' tordna l-konfiska tal-oġġetti li għalihom jirreferi r-reat u dawk l-oġġetti għandhom jiġu konfiskati favur il-Gvern.

(3) Reati kontra dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu bħala kontravvenzjonijiet iżda proċedimenti dwarhom jistgħu jinbdew sa żmien sena mill-egħmil tar-reat.

(4) Proċedimenti dwar reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), u d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali dwar proċedimenti kriminali quddiem dik il-Qorti għandhom, bla ħsara għas-subregolamenti ta' qabel ta' dan ir-regolament, japplikaw dwar proċedimenti għal reati kontra dawn ir-regolamenti.

Kap. 9.

Pieni amministrattivi.

15. (1) Meta d-Direttur jkollu tabilħaqq għaliex jifhem li -

(a) jkun sar xi reat kontra dawn ir-regolamenti minn xi persuna; u

(b) filwaqt li jqis il-kondotta preċedenti tal-persuna inkwistjoni, ikun iktar xieraq li tingħata piena taħt dan ir-regolament,

huwa jista' jara li jiġi notifikat avviż bil-miktub, skont ma hemm fis-subregolament (2), lil dik il-persuna.

(2) Avviż taħt is-subregolament (1) għandu jispeċifika -

(a) id-data u x-xorta tar-reat;

(b) sommarju tal-fatti li fuqhom tkun imsejsa l-allegazzjoni li jkun sar reat (li jkun sommarju suffiċjenti biex b'mod komplet u ġust jgħarraf lill-persuna bl-allegazzjoni kontriha);

(ċ) kull ħaġa oħra (li ma tkunx dwar xi sejbien ta' ħtija preċedenti) li d-Direttur jikkunsidra rilevanti biex tkun tista' tingħata piena; u

(d) l-ammont ta' piena dovut u, meta l-piena dovuta tkun tiddependi fuq xi sejbien ta' ħtija preċedenti, d-data ta' dak is-sejbien ta' ħtija u dan it-tagħrif għandu jkun kontrofirmat fuq dikjarazzjoni li ssemmi d-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

(3) Kull min jiġi notifikat b'avviż taħt is-subregolament (1) jista', fi żmien tletin ġurnata minn meta jirċievi l-avviż, b'avviż bil-miktub f'għamla xierqa li jiġi notifikat lid-Direttur, jitlob li l-proċedimenti għar-rigward tar-reat allegat isiru quddiem il-Qorti, f'liema każ għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) ma jittieħdu ebda proċedimenti oħra taħt dan ir-regolament mid-Direttur; u

(b) ebda ħaġa f'dan ir-regolament m'għandha tiftiehem bħala li tipprevjeni l-istituzzjoni ta' proċedimenti għar-rigward tar-reat allegat jew tas-sejbien ta' ħtija tal-persuna għar-reat mill-Qorti jew l-impożizzjoni ta' xi piena jew konfiska taħt dan ir-regolament meta hekk jinsab ħati.

(4) Kull min ikun ingħatalu avviż taħt is-subregolament (1) u ma jkunx irid li l-proċedimenti għar-rigward tar-reat allegat isiru quddiem il-Qorti jista' b'avviż bil-miktub li jiġi notifikat lid-Direttur -

(a) jammetti r-reat, u

(b) jħallas l-ammont tal-piena lid-Direttur fi żmien tletin ġurnata wara li jkun ġie lilu notifikat l-avviż tal-piena jew wara kull perjodu sussegwenti hekk kif id-Direttur jista' jispeċifika.

(5) Meta taħt dan l-artikolu persuna tammetti reat, id-Direttur għandu jwaħħal lil dik il-persuna piena ta' flus għar-rigward tar-reat li tkun tammonta għal wieħed minn tlieta tal-ogħla piena li dik il-persuna kienet kieku teħel li kieku kienet insabet ħatja tar-reat mill-Qorti skont dawn ir-regolamenti.

(6) Il-piena imposta taħt is-subregolament (5) tkun dovuta bħala dejn ċivili eżegwibbli mill-Qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni ċivili favur il-Gvern u d-dikjarazzjoni mill-persuna li tkun weħlet il-piena li tkun tammetti l-akkuża għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet tal-artikolu 253 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bl-istess mod bħallikieku kienet sentenza tal-Qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni ċivili.

Kap.12.

(7) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi liġi oħra, meta persuna tammetti li wettqet reat skont dan ir-regolament, ma għandu jsir l-ebda att tal-akkuża fir-rigward ta' dak ir-reat kontra l-persuna li tkun ammettiet li wettqet dak ir-reat.

(8) Meta persuna li tkun ġiet notifikata b'avviż skont is-subregolament (1) ma tammettix, fi żmien tletin ġurnata minn meta tkun ġiet notifikata bl-avviż, li tkun wettqet dak ir-reat, jew ma tinnotfikax lid-Direttur b'avviż skont is-subregolament (3), id-Direttur għandu jibda proċeduri legali jew jara li jinbdew proċeduri legali quddiem il-Qorti fir-rigward tar-reat allegat.